21 ta' Marzu, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Piscopo

**Riċettazzjoni — Rahan.**

*It-termini tal-liġi f'materja ta' riċettazzjoni huma komprensivi, u jinkludu l-fatt ta' min jilqa' għandu l-oġġett provenjenti minn delitt. Għaldaqstant huwa ħati ta' riċettazzjoni anki min jirċievi dak l-oġġett għal ftit taż-żmien biss, u anki bħala rahan.*

*Ix-xjenza meħtieġa fir-riċettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuża ġenerika, u ma tirriferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali.*

B'sentenza tagħha ta' l-20 ta' Diċembru 1952, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imsemmi Joseph Piscopo ħati ta' riċettazzjoni, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien xahar u jumejn;

L-imputat appella;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi deher li l-imputat ircieva dawn l-oġġetti msemmija f'dan il-proċess granet wara li kien irċieva t-tornavit li fuqu kien hemm is-sentenza tal-5 ta' Awissu 1952, li fuqha l-imputat qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu tar-"res judicata". Il-fatt, għalhekk, ma kienx l-istess. Dan hu ostakolu għar-"res judicata". Lanqas jista' jingħad li għall-ewwel kien hemm deduzzjoni ta' ċertu titolu ta' reat, u mbagħad kien hemm deduzzjoni ta' titolu ta' reat divers fuq l-istess fatt, b'mod li ssir applikabili s-sentenza "Rex vs. Rosaria Portelli", 23. 2. 1904 (ara sent. "Pulizija vs. Saliba" ta' din il-Qorti, 28. 2. 53). L-eċċezzjoni sollevata għalhekk ma tregix;

Lanqas tiswa l-obbjezzjoni li l-imputat irċieva l-oġġetti "de quibus" għal ftit taż-żmien bħala rahan; għax it-termini tal-liġi huma komprensivi, u jinkludu l-fatt ta' min "jilqa' għandu" ("receives"). Għalhekk l-Crivellari (Cod. Pen., Vol. VII, p. 285) jgħid li l-liġi tikkomprendi "tutte le forme possibili di ricettazione". U jkompli jgħid li hemm irriċettazzjoni anki jekk il-proprjetà (sija pure illeġittima) ta' l-oġġetti tibqa' fil-ħalliel u tgħaddi biss momentaneament firriċettatur, bħal f'dan il-każ. Fid-dottrina Ingliża, similment, il-"casistica" tar-riċettazzjoni hi ampja, għax biżżejjed li l-oġġetti jkunu għaddew "into his possession and control" (ara, taħt "Receiving", fir-rivista ġuridika "the Magistrate", Vol. IX, no. 5 Sept.-Oct. 1950). Barra dan, fl-Ingilterra hemm liġi li in forza tagħha tiġi kanċellata l-liċenza tal-"pawn-broker", appuntu meta jikkommetti riċettazzjoni (Pawn-Brokers Act, 1872). Is-sempliċi fatt li wieħed jilqa' għandu, ċjoè jirriċetta, hu biżżejjed; għaliex, kif josserva l-President Sir Antonio Micallef in "Regina vs. Micallef", 9 ta' Mejju 1855 (Vol. Decr. Anno 1855, p. 63-71), "la compra non è esclusiva nella riċettazione";

Miċ-ċirkustanzi tal-każ jidher li kien hemm fl-imputat il-koxjenza tal-provenjenza delittwuża ta' l-oġġetti, li hija l-element doluż rikjest. Din ix-xjenza tirrigwarda l-provenjenza kriminali ġenerika, u ma tirriferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali (ara Rep. Ugo Conti, Gpza. sul Cod. Pen., art. 121, para. 90). Tfal bħal Carmelo Borg u George La-

ferla, li anqas kienu kapaċi jħallsu l-imputat ta' ftit ħsara fil-bicycles li krew minn għandu, mhux raġjonevoli li kellhom għandhom leġittimament dawk l-oġġetti tal-fidda, kif lanqas hu raġjonevoli li tfal ta' dik il-levatura soċjali jkollhom għandhom oġġetti ta' lussu bħal kaxxa tas-sigarretti tal-fidda, "match box cover" tal-fidda, u "ash trays" tal-fidda;

Hija wkoll ferm importanti ċ-ċirkustanza, fil-każ preżenti, li l-imputat, mistoqsi mill-Pulizija, ripetutament ċaħad li l-oġġetti kienu għandu. Issa, fost il-kriterji tal-"guilty knowledge" traċċjati minn Archbold, Crim. Pl. Evid. & Pract., p. 757, 1949 edition, hemm appuntu l-każ li fih l-imputat "denied their being in his possession";

Għalhekk hu sewwa li jingħad li x-xhieda tal-ħallelin Borg u Laferla tirċievi l-korroborazzjoni tagħha mill-istess dikjarazzjonijiet u atteġġjament ta' l-imputat, meta ġie mistoqsi mill-Pulizija, u mix-xhieda tiegħu fil-proċess;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---